26 ta' Ġunju 1965

**Imħallef:**

**l-Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Alfred Schembri

*versus*

John Bartolo

**Senserija — Sensal — Serviġi.**

*Is-sensal m'għandux dritt għas-senserija jekk huwa ma laqqax il-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni sostanzjali u aċċidentali tal-kuntratt.*

*Bniedem li sempliċement jagħti informazzjoni bla ma jagħmel xejn aktar ma jidhirx li hu intitolat għal xi kumpens għas-serviġi.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessa kwalunkwe dikjarazzjoni u mogħtj kull provvedimenti opportun — talab illi l-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallas lill-attur is-somma ta' għoxrin lira (£20) lilu dovuta għal sehmu mis-senserija dovuta fl-akkwist tal-post f'Zabbar Road, Paola, bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż;

OMISSIS:

Ikkunsidrat:—

Li, l-attur qiegħed jippretendi dritt tas-senserija billi huwa jgħid li kien għarraf lill-konvenut bil-post in kwistjoni li huwa minnu erroneament indikat fiċ-ċitazzjoni bħala li qiegħed f'Zabbar Road, Pawla, mentri rriżulta li jinsab mibni fuq

biċċa art li l-konvenut xtara mingħand Carmelo Mangion Triq San Mikiel, Casal Paula, u fil-kors kollu tal-kawża l-attur anqas ma indenja ruħu jitlob korrezzjoni ta' dana l-iżball evidenti.

Ikkunsidrat:—

Li huwa minnu li l-konvenut kien ġie informat b'dana l-post u kien mar miegħu għand Mangion, però, in segwitu, l-attur ma deherx aktar la fuq il-konvenju u anqas fuq l-att definitiv tal-bejgħ.

Li anqas ma rriżulta li l-attur indaħal u ħa parti attiva fil-ftehim dwar il-prezz; u dana anqas seta' jsir għax il-konvenut mill-bidu nett irrikorra għall-għajnuna u għal parir ta' Joseph Licari, billi dana ta' l-aħħar jifhem fil-bini u huwa ħaten il-konvenut, u anki in vista tal-konsiderazzjoni li l-appalt tax-xogħol li kellu jagħmel il-venditur Mangion, kien *jifforma* parti mill-kuntratt.

Li ġie dejjem ritenut li s-sensal m'għandux dritt għas-senserija jekk huwa ma laqqax il-partijiet interessati fuq dawk l-elementi tal-operazzjoni klassikament imsejħa "*is-sostanzjali* u l-aċċidentali tal-kuntratt" (Kollez. XXXVI, i, 394). Fil-każ in desamina, l-attur ispleta biss attività isolata meta mar mal-konvenut għand sid il-post; u ma għamel xejn iżjed, għax imbagħad indaħal Licari.

Li, jekk mhux espressament almenu taċitament kien hemm xi inkariku inizjali mogħti lill-attur miż-żewġ kontraenti, iżda dana l-inkariku ma ġiex manifestat, da parti tal-attur, f'dak ix-xogħol u ħidma li wieħed soltu jirrikjedi minn sensal, biex ikun jista' almenu, jekk mhux kumpens *għas-senserija*, jesiġi retribuzzjoni għas-serviġi bħala sempliċe locatore d'opera (Kollez. XXXIV, iii, 738). U għalhekk, bniedem li jagħti

sempliċi informazzjoni bħal ma għamel l-attur, mingħajr ma jagħmel xejn aktar, skond il-ġurisprudenza lokali ma jidhirx li jista' jkun intitolat għal xi kumpens għas-serviġi (P.A. in re "Paolo Bonavia vs Carmelo Grech" deċiża fil-21 ta' Frar, 1947 riportata fil-Kollez. XXXIII, ii, 23 u s-sentenzi ċitati fiha; u Kollez. XXXVI, i, 394).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.